TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

George Felice

vs

Renergy Ltd

CCT 139/23/MS

31 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-3 ta' Awwissu 2023 fejn talab lil dan it-Tribunal jordna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' tlett elef disa' mija u erbgha u ghoxin euro u sebgha u tmenin centezmu (€3,924.87), u dan wara li r-rikorrent installa tnax - il panella solari addizzjonali fuq parir tal-istess socjeta' intimata, liema pannelli gew installati b'mod hazin min-naha tas-socjeta intimata, u b'konsegwenza ta' dan, ir-rikorrent sofra danni sostanziali.

Ra illi ghalkemm is-socjeta' intimata m'ghamlitx risposta, rapprezentant taghha deher quddiem dan it-Tribunal u ta x-xiehda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Gunju 2022 ir-rikorrent installa tnax -il panella solari fuq il-bejt tieghu, biex jikkumplimentaw l-erbgha u ghoxrin panelli li diga kienu gew installati mis-socjeta intimata tnax il-sena qabel. Fil-fatt din l-installazzjoni saret fuq il-parir tas-socjeta' intimata, ghaliex ir-rikorrent xtaq inaqqas il-kont tieghu tad-dawl.
Fil-fatt is-socjeta' intimata issuggeriet li tigi installata batterija sabiex l-energija generata mill-pannelli matul il-gurnata tkun tista' tintuza matul il-lejl.

F'Awwissu 2022, saret l-installazzjoni tal-batterja u fuq parir tal-inginier tas-socjeta' intimata, ł-mara tar-rikorrent installat *mobile application (mobile app)* biex tkun tista' ssewgwi l-progress tas-sistema.

Xi xahar wara li saret l-installazjoni tal-batterija, ił-mara tar-rikorrent innutat illi kien hemm *'spikes on the battery'* u marret dritt ghand is-socjeta' intimata biex turihom x'kien qed jigri.

Tkellmet ma' certu 'Lawrence' u urietu dan il-*graph*, li min-naha tieghu assiguraha illi s-sistema kienet qed tahdem kif suppost, u li se mai, kien hemm hsara fil-*mobile application.*

Pero, meta ircevew il-kont taghhom fi Frar 2023 (kont ghal tmien xhur), raw illi il-kont kien ta' €4,080.00, li kien ekwivalenti ghal kontijiet li huma kienu jircievu tnax - il sena qabel, qabel ma installaw il-pannelli.

Meta cemplu l-kumpanija, hemmhekk iddecidew li jibaghtu xi hadd biex jiccejka l-affarijiet, u hemmhekk gie konstatat illi l-batterija kienet qed tiġi ċċarġjata mill-provvista tal-gvern. Wara l-intervent tat-tekniku, is-sistema bdiet tahdem kif suppost. Ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob li jigu rifuz l-ammont li hu kellu jhallas minhabba dan l-izball.

Illi xehed ukoll Jesmond Camilleri li qal illi bhala kumpanija li jbieghu / jinstallaw pannelli solari, huma ma jidhlux f'responsabbilta' tal-kontijiet tad-dawl. Ikkonferma illi l-batterija ma kenitx qed tahdem kif suppost, u li l-ARMS damu ma johorgu l-kont tad-dawl. Ikkonferma wkoll illi l-mara tar-rikorrent kienet giet fil-hanut f'Settembru 2023 biex tilmenta, u skond is-*software* taghhom is-sistema kienet qed tahdem sew. Ikkonferma wkoll illi hu ma kienx hemm dakinhar li giet.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob li jigi kumpensat fl-ammont ta' €3,924.87, u dan wara installazjoni hazina ta' batterija da parti tas-socjeta' intimata, liema zball kien gie a konjizzjoni taghha, wara li l-mara tar-rikorrent ghamlet ilment f'dan is-sens. Min-naha taghha, is-socjeta' intimata qieghda tichad responsabbilita'.

Illi minghajr l-ebda tlaqliq, it-Tribunal jistqarr illi ma jistax jaqbel mal-argumentazzjoni tas-socjeta' intimata. Il-fatt illi l-ARMS damu x-xhur biex johorgu l-kont huwa ghal kollox irrelevanti u ma jnaqqas xejn mill-fatt illi li kieku l-installazjoni tal-batterija saret kif suppost din il-kawza ma kenitx issir, ghaliex il-kont tal-ARMS (anke kont ta' tmien xhur jew iktar) ma kienx ikun stratosferiku.

Illi skond l-artikolu 1038 tal-Kodici Civili, *"kull min minghajr ma jkollu l-hila mehtiega jindahal ghal xoghol jew servizz, hu obbligat ghall-hsara li, minhabba n-nuqqas ta' hila tieghu, jikkaguna lil haddiehor."*

Illi huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandu konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti.

Illi terga' u tghid, f'dan il-kaz, xahar wara l-installazjoni, Maria Felice Klauman, il-mara tar-rikorrent, marret Hal-Luqa ghaliex intebhet illi s-sistema ma kenitx qed tahdem kif suppost. Li kieku is-socjeta' intimata baghtet tekniku fuq il-post dak il-hin, il-problema kienet tirrisolvi ruhha dak in-nhar stess u t-telf kien ikun minimu, jew almenu hafna inqas. Pero' ghal xi raguni, 'Lawrence' - il-persuna ma min tkellmet Felice Klauman, ghazel illi jinjora it-twissija taghha u accertaha illi s-sistema kienet qed tahdem perfettament, u jekk kien hemm zball, din kienet fl-*application.* Ghal xi raguni, 'Lawrence' qatt ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu, u xehed biss Jesmond Camilleri, illi kkonferma illi Klarmann kienet tassew giet f'Settembru u li skond kif qallu Lawrence, is-*software* kienet qed tahdem. Camilleri qal ukoll illi ma kienx prezenti dakinhar meta giet Maria Felice Klauman.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ipprova l-istanza tieghu sal-grad rikjest mill-ligi u li t-talba tieghu tisthoqq li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu l-ammont ta' tlett elef disa' mija u erbgha u ghoxin euro u sebgha u tmenin centezmu (€3,924.87). Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

**Dr Michela Spiteri LL.D.**

**Arbitru**